

# Kont taf li…




**Bolla ta' San Pawl, it-10/- Saint Paul**

L-iktar bolla Maltija prestiġjuża u li trendi valuri għoli hija bolla magħrufa bħala *10 Shillings St. Paul.* Din il-bolla turi n-nawfraġju ta' San Pawl fuq il-gżejjer Maltin u hija stampata bl-iswed. Inħarġet l-ewwel darba fis-6 ta' Marzu 1919 u ħadet post bolla oħra, simili, li kienet inħarġet fl-1899.

Iżda hija dik tal-1919 li għandha l-għola valur fis-suq għaliex minħabba żball amministrattiv kien għad baqa' provista kbira tal-istess bolla tal-1899 u allura ġew stampati biss 1530 kopja ta' din il-bolla l-ġdida, li kienu fuq 51 karta ta' 30 bolla. Dawn spiċċaw inħarġu bi żball qabel ma nħlew l-antiki u nbiegħu f'kemm ili ngħidlek. B'hekk ma ġewx stampati oħrajn. Illum din il-bolla tfeġġ €4,000.00 jekk tkun fuq envelop indirizzat bit-timbru postali ta' dak iż-żmien u €3,000.00 jekk tkun għadha ġdida[1].

**Patruni ta' Malta**

Il-Patruni ta' Malta huma tlieta; San Pawl, San Publiju u Sant'Agata.

Ftit għandna informazzjoni preċiża dwar il-qaddisa Verġni u Martri Sant'Agata, Qaddisa Patruna ta' Katanja fi Sqallija, kif ukoll ta' Malta. Jingħad Sant'Agata twieldet f'Katanja minn familja nobbli u sinjura u ħadet il-Martirju taħt l-Imperatur Decius madwar is-sena 251. Isimha jfisser "twajba" u hija waħda mis-seba' qaddisin nisa li jissemmew fil-kanoni tal-quddiesa apparti l-Madonna. Minkejja li kienet wegħdet lilha nnifisha lil Alla, l-uffiċjal Ruman Quinctianus ipprova jipperswadiha li tagħti lilha nnifisha lilu sabiex b'hekk ikun jista' ma jixlihiex li kienet Nisranija. Imma Agata rrifjutat. Minħabba f'hekk intefgħet fil-ħabs fejn sfat





ittorturata billi qalgħulha sidirha barra. Imbagħad inagħtat il-mewt billi ħarquha fuq ġamar tal-faħam jaqbad.

Fl-ikonografija, Sant'Agata tidher b'par iżdra fuq platt tal-fidda jew b'ġamar tal-faħam. Ġieli tidher ukoll bi strumenti ta' tortura bħalma huma skieken u tnalji.

Leġġenda marbuta ma' Sant'Agata u li minħabba fiha l-qaddisa ġiet iddikjarata bħala waħda mill-Patruni ta' Malta hija marbuta mal-attakk tal-Misilmin immexxija minn Sinam Pasha fuq Malta fl-1551. Il-Mislem żbarka f'San Pawl il-Baħar imnejn baqgħu sejrin sal-Imtarfa biex, f'dak li jidher li kienet tħejjija u prova ġenerali għall-attakk tal-Assedju l-Kbir li seħħ ftit snin wara fl-1565, assedjaw il-Belt Notabile (l-Imdina). Il-Maltin ġarrbu ħafna f'dak l-assedju u meta l-ħażniet fl-Imdina bdew jgħibu, ġew salvati b'miraklu.

Il-festa tagħha tiġi ċċelebrata nhar il-5 ta' Frar[2].

**Is-Salib ta' San Pawl**



Mas-sejf ta' San Pawl fuq il-vara titulari ta' Ħal Safi hemm dak li hu msejjaħ is-Salib tal-Monsinjuri tal-Katidral.

Dan kien ta' Mons. Bert Bezzina li kien mill-Mosta u li għal xi żmien kien Kappillan f'Ħal Safi. Dan huwa s-salib li jintlibes mill-Monsinjuri bħala parti mill-abitu tagħhom. Dun Bert, li llum qed igawdi l-eternità, kien ippreżenta dan is-salib lill-parroċċa ta' Ħal Safi bħall-apprezzament tiegħu lejn il-parruċċani għaż-żmien li għex f'Ħal Safi bħala Kappillan. Is-Soċjetà tagħna wkoll għandha tifkiriet ta' Dun Bert fosthom il-kappell li kien jintlibes mill-kleru fis-snin ta' qabel il-Konċilju Vatican II.

**Mons Bert Bezzina**

L-ewwel quddiesa solenni tiegħu kienet iċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Għargħur nhar il-Ħadd, 19 ta' Awwissu, 1951. Dlonk beda l-ħidma pastorali tiegħu f'din il-parroċċa ddedikata lil San Bert Appostlu. Fil-21 ta' Frar 1954, Dun Bert ħa l-pussess bħala Kappillan

ta' Ħal Safi. Hawn ħadem ħafna matul is-sitt snin li dam kappillan f'din il-parroċċa, sew f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħidma pastorali kif ukoll f'dawk li huma opri fil-knisja. Fost l-oħrajn kien fi żmienu li kien sar il-ventartal tal-fidda li tant huwa apprezzat u ta' valur artistiku.



Fit-13 ta' Awwissu 1960, Dun Bert ħa l-pussess bħala l-ħamsa u għoxrin Ragħaj Spiritwali u s-seba' Arċipriet tal-Parroċċa tal-Mosta. Matul il-parrokat tal-Arċipriet Bezzina, jispikkaw il-ħidma pastorali intensa fost il-Mostin u diversi opri fil-Knisja Arċipretali tal-Mosta. Fost l-opri li saru nsemmu l-bini tal-frontispizju fuq il-faċċata ta' wara tar-Rotunda; it-tnax-il Appostlu li jżejnu n-niċeċ u l-portiku tar-Rotunda. Iżda, żgur li isem l-Arċipriet Dun Bartilmew Bezzina jibqa' marbut mal-Inkurunazzjoni tal-Assunta fil-Kwadru Titolari tal-knisja tal-Mosta. Bit-tħabrik tiegħu din il-ġrajja storika seħħet nhar il-Ħadd, 10 ta' Awwissu 1975.

F'Lulju 1981, wara ħidma ta' wieħed u għoxrin sena, li matulhom il-parroċċa tal-Mosta mxiet ħafna 'l quddiem, Dun Bert Bezzina ġie maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral Metropolitan ta' Malta mill-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca. Fl-4 ta' Awwissu 1985 sar Monsinjur effettiv billi ħa l-pussess fil-Katidral tal-Imdina.

Bħala rikonoxximent għax-xogħol saċerdotali kbir li wettaq fost il-Mostin, Mons. Bezzina ngħata l-Onorifiċenza Ġieħ il-Mosta mill-ewwel Kunsill Lokali tal-Mosta, nhar is-16 ta' Settembru, 1997[3].

Huwa qatt ma nesa lil Ħal Safi, fejn kien iżur u anki ħalla diversi tifkiriet li għadhom fostna u li għandna nibqgħu ngħożżuhom.

**Riżorsi:**

1 The Sun Never Sets on the Stamps of the British Empire; Alexander T. Haimann, Collections Specialist & Web Projects Developer at the Smithsonian National Postal Museum, USA.
2 Noel Ciantar u Roderick Busuttil: www.kappellimaltin.com.
3 Knisja Arċipretali Santwarju Mosta.


YESUSDEMARIS
-by jesmond-




*Made to measure bridal gowns, mothers and special occasions*

192A, Eucharistic Congress Road
Mosta, Malta MST9037

Mob: (+356) 9986 0553

Find us on: facebook

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd